MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2006

Rikors Numru. 11/2005

Sonia Zammit, Maria Zammit u Carmela Coleiro
vs
Il-Ministru tal-Politika Socjali u b'digriet tad-9 ta' Marzu 2005 gie korrett ghal Ministru ghall-Familja u Solidarjeta` Socjali, l-Avukat Generali, Direttur Generali – Qrati tal-Gustizzja, Fondazzjoni ghal Servizzi ta' Harsien Socjali u l-Agenzija Appogg

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih ippremettew:

1. Illi r-rikorrenti Sonia Zammit, Maria Zammit u Carmela Coleiro huma omm, in-nanna u l-buznanna tal-minuri Debbie Zammit.

2. Ir-rikorrenti Sonia Zammit kellha tifla minuri Debbie Zammit, iben missier mhux maghruf, li kienet

tinsab taht care order stante li hija ma kenitx iccalengjat l-istess care order fit-terminu moghti lilha skond il-ligi.

3. Illi l-istess minuri kienet twieldet fid-9 ta' Ottubru 1997 u ilha taht care order sa mill-10 ta' Jannar 2003 u r-raguni ghala tpoggiet taht care order hija qatt ma kienet inghatat tant li kellha titlob lis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili sabiex tordna lill-Agenzija Appogg taghtiha kopja tar-rapport li permezz tieghu t-tifla kienet giet impoggija taht care order.

4. Illi wara hafna tahbit il-Qorti, is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kif kienet imsejha dak iz-zmien kienet akkordatilha access f'Ottubru tas-sena 2003 ta' siegha fil-gimgha liema access kien gie terminat minnha stante li hija kienet qeghda taht kura psikjatrika taht il-psikjatra Dr. David Cassar u kienet tiddependi minn ommha r-rikorrenti l-ohra Maria Zammit sabiex twassalha ghand l-Agenzija Appogg fejn kienet tara lit-tifla u ommha ma setghetx twassalha aktar.

5. Illi minkejja diversi tentativi li regghet ghamlet, l-intimati l-Ministru tal-Politika Socjali u l-Agenzija Appogg kienu baqghu jsostnu li la t-tifla ma tridx, allura l-access ma kellux isir dejjem bl-iskuza tal-interess tal-minuri.

6. Illi gie rilevat illi l-minuri minn dejjem kienet tghix ghand is-sorijiet u kienet tqeghdet taht care order fis-sena 2003 stante li l-Appogg qalu li t-tifel irriteniet li nannitha Maria Zammit, l-intimata l-ohra kienet haditha ghand ragel mill-belt liema allegazzjoni qatt ma kienet giet investigata izda l-intimati jew min minnhom kieneu qabdu u hadu t-tifla taht care order u sal-lum l-intimata ommhom Sonia Zammit ma thallietx tara lil bintha. U dan kienu saru jafuh xhur wara meta kellha tintervjeni l-Qorti sabiex l-intimata l-Agenzija Appogg tghaddi r-rapport lil omm il-minuri.

7. Illi tant l-intimati kienu ingusti fil-konfront tal-intimati kollha, li fil-konfront taghhom kollha, huma kienu qed jichdu li huma jkollhom access ghat-tifla u dan meta fil-konfront ta' ommha r-rikorrenti Sonia Zammit u tal-buznanna taghha l-intimata Carmela Coleiro ma kien

hemm ebda allegazzjoni filwaqt li fil-konfront tan-nanna r-rikorrenti Maria Zammit l-allegazzjoni qatt ma kienet giet sostanzjata meta hija cahdet dan kollu.

8. Illi anke fil-konfront tar-rikorrenti l-ohra Maria Zammit, l-intimati jew min minnhom qatt ma kienu investigaw l-allegazzjoni tat-tifla liema allegazzjoni kienet serja hafna u liema allegazzjoni kienet saret meta t-tifla kienet ghand foster parents li kienu mill-belt u mhux meta hija kienet ma' nannitha l-intimata Maria Zammit.

9. Illi anke jekk it-tifla li llum ghandha tmien snin huwa minnu dak li kien qed jigi allegat u cioe` li hi ma kienet riedet tara lil hadd mir-rikorrenti, dan ma kienx bizzejjed biex jiggustifika l-oppozizzjoni tal-Agenzija Appogg u tal-Ministru tal-Politika Socjali. Fuq kollox kieku kienu verament nies serji, kienu jaghmlu home visit u jaraw jekk it-tifel l-iehor li ghandha r-rikorrenti Sonia Zannnit u li jghix maghha u mar-rikorrenti l-ohra kienx fil-periklu.

10. Illi jekk it-tifla ma kenitx trid tara lir-rikorrenti, l-intimati jew min minnhom qatt ma kienu investigaw l-istat mentali ta' ommha kif ukoll il-faqar kbir li kienu jghixu fih u mhux ta' b'xejn li t-tifla tisthi minnhom u dan ghaliex huma kienu jafu li t-tifla kienet qeghda tintbaghat ma' familji li huma finanzjarjament tajjeb u kienu anke jehduha fl-ahjar lukandi tiekol u ghalhekk it-tifla kienet qed tara d-differenza u ta' tifla li hi kienu qed igeghluha titbieghed aktar mill-familja naturali taghha.

11. Illi huma kienu ghamlu diversi tentattivi sabiex ikollhom access ghal din il-minuri u l-buznanna Carmela Coleiro l-intimata l-ohra Maria Zammit kienu ilhom ma jarawha ghal kwazi sentejn fil-waqt li r-rikorrenti Sonia Zammit li hi ommha kienet qed tigi mcahhda mid-dritt li tara lil bintha ghal ragunijiet stereotipici ta' 'fl-interess tal-minuri' minghajr ma kienu jaghmlu xejn biex kif qalet il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fid-digriet taghha tal-31 ta' Jannar 2005 "ghandhom jitkomplew it-tentativi biex jippreparaw lill-istess minuri ghall-access futur mar-rikorrenti."

12. Illi kull talba li kienu ghamlu quddiem il-Qorti kemm meta kienet tissejjah Sekond’ Awla tal-Qorti Civili kif ukoll kif tissejjah illum Qorti Civili (Sezzjoni Familja) l-Qorti dejjem kienet qaghdet fuq ir-rapporti tal-intimati Agenzija Appogg u Ministru tal-Politika Socjali kif del resto kienet suppost li taghmel meta dawn ikunu professjonali u mhux fil-kaz in ezami qabdu linja li t-tifla ma kenitx trid u kienu ghadhom sejrin biha sal-lum minghajr ma kienu jaghmlu tentattiv halli lit-tifla jergghu jghaqqduha ma’ ommha u mar-rikorrenti l-ohra.

13. Illi izda minkella li kienet kitbet lill-Agenzija Appogg sabiex dawn it-tentattivi jibdew hija kienet baqghet ma rceviet lanqas acknowledgement.

14. Illi huma kienu ghamlu diversi tentattivi sabiex jaraw lill-minuri Debbie Zammit u sahansitra kienu jmorru jarawha hierga mill-iskola mas-soru u ma kienux ihalluhom ihallulha rigali zghar li huma kienu setghu jaghtuha. Illi dan l-anqas fil-Milied ma kienu hallewhom ihallulha ebda rigali u kienu qed jaghmlu dan sabiex lit-tifla jaqtghulha kull kuntatt ma’ ommha u l-familja kollha taghha.

15. Illi fir-rigward ir-rikorrenti Maria Zammit hija kienet giet ikkundannata mill-intimati jew min minnhom minghajr ma kienet giet ipprocessata meta minhabba l-allegazzjoni tat-tifla, l-agenzija Appogg kienet qaghdet fuq li allegatament qalet it-tifla minghajr ma biss investigaw aktar b’dan li ma jridux li hija tara lin-neputija taghha.

16. Illi omm u l-buznanna tal-minuri li ghandha fuq tmenin u kienet tixtieq tara lin-neputija qabel tmut, anke lil dawn kien qed jigi negat dan l-access u meta tkellmu fuq access, anke taht supervizjoni, u mhux fuq kura u kustodja.

17. Dawn il-fatti suesposti kienu jikkostitwixxu l-vjolazzjonijiet segwenti tad-dispozizzjonijiet tal-Kap 319, senjatament il-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, u tal-Kostituzzjoni Maltija:

a. Tad-dritt ghal smiegh xieraq Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u Artikolu 6 tal-Kap. 319.
b. Tad-dritt ghall-protezzjoni minn trattament inuman u degradanti Art 36 ta’ Kostituzzjoni u Artikolu 3 tal-Kap. 319.
c. Tad-dritt ghall-familja taht l-artikolu 8 tal-Kap 319
d. Tad-dritt sabiex ma jkunx hemm diskriminazzjoni taht l-artikolu 14 tal-Kap. 319.

Ghaldaqstant fid-dawl u fil-kuntest tas-suespost, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tiddikjara li:

l-atti surriferiti kienu jikkostitwixxu fil-konfront tar-rikorrenti kollha jew min minnhom il-vjolazzjonijiet segwenti tad-disposizzjonijiet tal-Kap 319, senjatament il-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, u tal-Kostituzzjoni Maltija:

(a) Tad-dritt ghal smiegh xieraq Art 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u Artikolu 6 tal-Kap. 319.
(b) Tad-dritt ghall-protezzjoni minn trattament inuman u degradanti Art 36 ta’ Kostituzzjoni u Artikolu 3 tal-Kap. 319.
(c) Tad-dritt ghall-familja taht l-artikolu 8 tal-Kap 319.
(d) Tad-dritt sabiex ma jkunx hemm diskriminazzjoni taht l-artikolu 14 tal-kap. 319.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess u a tenur tar-ragunijiet suesposti, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti joghgobha taghtihom dawk ir-rimedji li jidrilha xierqa biex tizgura t-twettiq favur taghhom tad-drittijiet fundamentali kontemplati fl-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ta’ l-Artikoli 3, 6, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, billi, fost affarijiet ohra:

(1) Tiddikjara li l-Care Order li harget fil-konfront tal-minuri Debbie Zammit datata 10 ta’ Jannar 2003 kienet nulla u bla effett;

(2) Tordna li r-rikorrenti kollha jew min minnhom ikollhom access immedjat ghall-minuri Debbie Zammit.

(3) Tikkumpensa lir-rikorrenti kollha jew min minnhom ai termini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja.

In vista tal-premess, ir-rikorrenti talbu li l-Qorti tiehu konjizzjoni tar-rikors b'urgenza.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**B. RISPOSTA:**
Rat ir-risposta ta' l-Agenzija Appogg li biha eccepiet:

1. Illi permezz ta' rikors ipprezentat quddiem il-Qorti fit-28 ta' Frar 2005, ir-rikorrenti kienu talbu li l-Qorti joghgobha tiddikjara li l-Ordni ghall-Harsien mahrug favur il-minuri Debbie Zammit u datat 10 ta' Jannar 2003, flimkien mad-diversi digrieti moghtija mill-Qrati kompetenti in konnessjoni mal-access tar-rikorrenti ghall-istess minuri, kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' l-Artikoli 6, 8, 36 u 39 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex ghaldaqstant l-istess Qorti tiddikjara li l-imsemmi Ordni ghall-Harsien huwa null u bla effett u ghaldaqstant tordna li l-istess rikorrenti jkollhom access immedjat ghall-minuri Debbie Zammit.

2. Illi f'dan ir-rigward kien gie rilevat li t-talbiet vantati mill-istess rikorrenti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u ma kienu jeradikaw l-ebda pretensjoni valida ta' ksur ta' drittijiet fundamentali u dan gharragunijiet illi kienu ser jigu debitament spjegati, permezz tar-risposta.

3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, gie rilevat li l-Qorti m'ghandhiex kompetenza sabiex tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel (1) u t-tieni (2) talba tar-rikorrenti stante illi ai termini tal-paragrafu 2 ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta Malta, ir-rikorrenti kellhom mezzi xierqa ohra ta' rimedju ghall-ksur allegat, b'dan illi anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument u ghall-grazzja ta' l-argument biss kellu jinghad li l-Ordni ghall-Harsien mahrug fil-konfront tal-minuri Debbie Zammit kellu jigi revokat, tali allegazzjoni tar-rikorrenti taghti lok

*semmai* ghal stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, ai termini ta' l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fil-mertu kien gie rilevat illi ghalkemm ir-rikorrenti kienu qed isostnu li qatt ma kienet nghatat raguni ghaliex il-minuri kienet tpoggiet taht Ordni ghall-Harsien, huma konvenjentement kienu naqsu li jaghmlu referenza ghall-fatt illi qabel ma kien gie kkonfermat l-Ordni ghall-Harsien, kien l-ewwel inhareg Ordni Temporanju ghall-Harsien favur l-istess minuri, u dan fit-23 ta' Dicembru 2003.

5. Illi effettivament meta kien inhareg l-imsemmi Ordni Temporanju r-rikorrenti Sonia Zammit u Maria Zammit kienu sahansitra ttiehdu ghand il-Pulizija, senjatament fit-Taqsima ta' Kontra l-Vizzji, bl-ghan illi jigu interrogati in vista ta' l-allegazzjonijiet ta' abbuz sesswali li kienu saru mill-minuri, kif kien ser jigi debitament spjegat. F'dan ir-rigward gie rilevat ukoll illi in oltre r-rikorrenti Sonia Zammit inghatat kopja ta' l-imsemmi Ordni Temporanju waqt illi kienet ghand il-Pulizija, b'dan li fl-istess hin kien gie spjegat ukoll x'kien ifisser l-istess Ordni.

6. Illi in oltre gie rilevat illi fit-terminu ta' wiehed u ghoxrin (21) gurnata li fih kien baqa' fis-sehh l-Ordni Temporanju ghall-Harsien, ir-rikorrenti Sonia Zammit, senjatament omm il-minuri, kienet giet mistiedna ghal laqgha, gewwa l-bini ta' l-Agenzija intimata, li permezz taghha kellu jigi deciz jekk l-istess Ordni ghall-Harsien kellux jigi konfermat. Cio` nonostante r-rikorrenti kienet naqset milli tattendi nonostante l-fatt illi kienet giet infurmata bil-miktub bl-istess laqgha u nonostante l-fatt ukoll li kienet taf ghal liema skop kienet ser tinzamm l-istess laqgha.

7. Illi f'dan ir-rigward gie rilevat ulterjorment illi l-Ordni ghall-Harsien favur il-minuri Debbie gie fis-sehh fl-10 ta' Jannar 2003, b'dan illi effettivament ir-rikorrenti Sonia Zammit kienet irceviet l-istess Ordni fl-imsemmija gurnata u dan b'ittra registrata, kif kien irrizulta fil-fatt mill--konferma relattiva, li kopja taghha giet annessa mar-

risposta u mmarkata bhala Dok. "A", b'dan li ghaldaqstant hija kienet giet notifikata skond il-Ligi u dan ai termini ta' l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 285 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Illi in oltre f'dan il-kuntest gie rilevat ulterjorment illi kif irrizulta mill-Ordni ghall-Harsien innifsu, li kopja tieghu giet esebita mar-ridsposta u mmarkata bhal Dok. "B", ir-rikorrenti kienet inghatat wiehed u ghoxrin (21) jum skond il-Ligi, sabiex toggezzjona ghall-istess Ordni b'dan illi cio` nonostante hija kienet ghazlet illi taccetta l-istess Ordni ghall-Harsien favur bintha minuri Debbie Zammit.

9. Illi ulterjorment u minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess, l-Agenzija intimata irrilevat li effettivament l-Ordni ghallHarsien inhareg biss wara li kienu saru numru ta' *referrals* lill-Agenzija Appogg b'allegazzjonijiet serji ta' abbuz sesswali fil-konfront tal-minuri Debbie Zammit, b'dan illi l-istess *referrals* kienu saru minn professjonisti, kif ukoll minn persuni ohra li lkoll kellhom kuntatt dirett mal-istess minuri.

10. Illi fil-fatt kien wara li saru dawn ir-rapporti serji lill-Agenzija intimata, u wara li kienu saru l-interventi u l-investigazzjonijiet necessarji, kif kien ser jigi debitament spjegat, illi kienet inhasset il-htiega li jigi rakkomandat li jinhareg l-Ordni ghall-Harsien favur il-minuri Debbie Zammit, kif awtorizzat mill-Onorevoli Ministru, u dan fl-interess suprem tal-istess minuri.

11. Illi primarjament gie rilevat, ghall-ahjar informazzjoni tal-Qorti, li l-minuri Debbie Zammit kienet iddahhlet gewwa dar residenzjali, mir-rikorrenti ommha, meta kienet ghadha tarbija, b'dan illi effettivament il-minuri biddlet tliet djar residenzjali, u llum qed tirrisjedi gewwa Dar Fra Diegu. Il-minuri kienet idahhlet gewwa dar residenzjali in vista tal-fatt illi r-rikorrenti Sonia Zammit kienet tbati minn problemi mentali u ghaldaqsant hija ma setghetx tiehu hsieb lil bintha.

12. Illi sakemm kienu saru l-interventi necessarji, il-minuri kellha access regolari mar-rikorrenti u kienet tqatta' tmiem il-gimgha mal-istess rikorrenti, filwaqt illi mbaghad

l-istess minuri kellha wkoll kuntatt *mas-social contact* taghha Melanie Cachia.

13. Illi gie rilevat illi l-ewwel *referral* kien sar fis-17 ta' Dicembru tas-sena 2002, mill-Kap ta' l-Iskola u mill-ghalliema tal-minuri Debbie li effettivament kienu ferm inkwetati dwar l-imgieba li kienet qed turi l-istess minuri u dan kif kien irrizulta minn dikjarazzjoni ta' l-istess professjonisti li giet esebita mar-risposta u mmarkata bhala Dok. "C".

14. Illi dan kien gie konfermat ukoll mis-soru li kienet tiehu hsieb id-dar residenzjali fejn dak iz-zmien kienet tirrisjedi l-minuri Debbie, senjatament Sr. Luciana Mizzi, li osservat illi l-minuri kienet tkun tidher ferm imdejqa wara li kienet tirritorna lura minghand ir-rikorrenti ommha Sonia Zammit u r-rikorrenti Maria Zammit, senjatament in-nanna ta' l-istess minuri.

15. Illi fl-istess zmien, senjatament f'Dicembru tas-sena 2002, kien sar rapport ukoll da parti *tas-social contact* tal-minuri, senjatament l-imsemmija Melanie Cachia, li wkoll kienet innotat kambjament fl-atteggjament tal-minuri, b'dan illi kien irrizulta li l-istess minuri kienet qed iggib ruha b'mod differenti.

16. Illi fil-fatt il-minuri Debbie Zammit kienet minn jeddha fethet qalbha ma' l-imsemmija Melanie Cachia, b'dan illi hija kienet zvelat illi r-rikorrenti, senjatament ommha u n-nanna taghha, kienu jehduha ghand xi rgiel gewwa Haz-Zabbar, b'dan illi hija spjegat ukoll l-abbuz sesswali li hija kienet giet esposta ghalih.

17. Illi ghal dak illi kien jirrigwarda l-istess abbuz sesswali l-minuri kienet spjegat illi hija kienet tittiehed gewwa fond f'Haz-Zabbar minn ommha Sonia Zammit u n-nanna taghha Maria Zammit, b'dan illi fl-istess fond kien ikun hemm zewgt irgiel li skond l-istess minuri kienu jehdulha r-ritratti filwaqt illi wiehed mill-irgiel kien ikun minghajr hwejjeg u kien inezza' lilha wkoll filwaqt illi kien iwegaghha b'idejh, waqt illi r-ragel l-iehor kien ikun fuq *il-computer.*

18. Illi f’dan ir-rigward kien gie rilevat illi fiz-zmien illi l-minuri kienet zvelat l-imsemmi abbuz sesswali, kuntrarjament ghal dak li kien gie stabbilit fir-rikors, senjatament fil-paragrafu numru 8, il-minuri Debbie Zammit kellha kuntatt regolari ma’ ommha u mal-familjari materni taghha, b’dan illi barra tali access hija kellha biss kuntatt *mas-social contact,* stante illi l-istess minuri mhux talli qatt ma kellha *foster carers* mill-Belt talli effettivament lanqas qatt ma giet *fostered.* Effettivament hija kienet tohrog ma’ l-imsemmija Melanie Cachia darba fil-gimgha u dan bl-ghan illi ta’ l-anqas il-minuri kienet tinghata l-opportunita` li tohrog mid-dar residenzjali u tqatta’ ftit hin barra bhat-tfal l-ohra kollha.

19. Illi fiz-zmien illi l-minuri kienet zvelat l-abbuz sesswali fuq imsemmi, l-istess minuri kienet tmur ghand ir-rikorrenti ommha u ghand in-nanna taghha b’mod regolari, b’dan illi effettivament kif kien gie spjegat kien wara l-istess access illi l-minuri kienet tirritorna gewwa d-dar residenzjali ferm imdejjqa u mbezza’.

20. Illi ghalkemm ir-rikorrenti kienu qed isostnu li l-Agenzija intimata qatt ma investigat l-allegazzjonijiet maghmula mill-minuri, gie rilevat illi ghall-kuntrarju l-kaz kien gie riferut lill-Pulizija, senjatament lit-Taqsima ta’ kontra l-vizzji, b’dan illi ulterjorment il-minuri kienet giet riferuta wkoll ghand *il-paediatrician* id-Dottoressa Mariella Mangion.

21. Illi l-Agenzija intimata kienet irrilevat illi mill-ezami mediku relattiv, irrizulta li effettivament dak illi kien gie allegat mill-minuri kien kompatibbli ma’ dak li kien irrizulta fl-ezami mediku, b’dan illi kif kien irrizulta mir-rapport ta’ l-imsemmija tabiba, li kopja tieghu giet esebita mar-risposta u mmarkata bhala Dok. “D”. *“The abnormal findings found on examination are consistent with the type of sexual abuse described by the child”.*

22. Illi effettivament sussegwentement irrizulta minn ezamijiet ulterjuri li kienu saru, li l-minuri kienet qed tbati minn *sexually transmitted disease,* u dan kif irrizulta mic-

certifikat mediku relattiv li gie esebit mar-risposta u mmarkat bhala Dok. “F”, li effettivament kien jispecifika li *“the implications of the result are that there* <u>*must*</u> *have been genital-genital contact”.*

23. Illi in oltre gie rilevat illi waqt *il-case conference* relattiva, li kienet inzammet sabiex jigi stabbilit jekk kellux jigi konfermat l-Ordni ghallHarsien, l-istess tabiba kienet spjegat illi hekk kif il-minuri kienet ser tigi ezaminata, hija tant bdiet twerzaq u tibki illi dakinhar ma kienx seta’ jsir l--istess ezami u ghalhekk kellu jsir appuntament iehor sabiex il-minuri tigi ezaminata taht l-effett tal-loppju.

24. Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess, gie rilevat illi l-professjonisti kollha li hadmu direttament mal-minuri lkoll osservaw illi l-minuri Debbie dejjem turi biza’ kbira kull meta jissemmew ir-rikorrenti, senjatament ommha u/jew in-nanna taghha.

25. Illi fil-fatt il-minuri kienet giet ezaminata wkoll minn psikologa, senjatament Denise Borg, b’dan illi l-istess psikologa kienet zammet erbatax (14)-il laqgha li minnhom irrizulta, kif stabbilit fir-rapport relattiv, illi kopja tieghu giet esebita mar-risposta u mmarkata bhala Dok. “F”, illi l-minuri Debbie ghaddiet minn trauma serja waqt illi kienet mal-familja biologika taghha tant illi kien gie rakkomandat illi hija ma jkollhiex kuntatt mal-familja taghha sakemm ma tkunx saret it-terapija kollha mehtiega.

26. Illi ghal dak li kien jirrigwarda l-istess terapija, kuntrarjament ukoll ghal dak stabbilit mir-rikorrenti, il-minuri Debbie kienet ilha ghal zmien twil tigi segwita *mm-counsellor* Micheline Sciberras.

27. Illi l-imsemmija *counsellor* kienet ghadha sa llum issegwi lill-minuri, b’dan illi ghaldaqstant hija kienet qed tahdem, kif dejjem ghamlet, fuq il-possibbilita` li l-minuri tiltaqa’ mar-rikorrenti ommha Sonia Zammit.

28. Illi cio` nonostante, sa llum, kif kien irrizulta mir-rapporti ta’ l-istess Micheline Sciberras, illi kopji taghhom

gew esebiti mar-risposta u mmarkati bhala Dok. “C” u “H”, kull meta get esplorata l-possibilita` li l-minuri Debbie tara lil ommha, l-istess minuri kienet turi biza’ kbira u kienet tirrifjuta bl-aktar mod kategoriku tant illi lill-istess *counsellor* qaltilha *‘le, le, le … … ma rridx niltaqa’ maghha’* u dan b’referenza ghal ommha.

29. Illi ghalkemm ir-rikorrenti kienet qed isostnu li l-fatt illi l-minuri kienet qed tghid illi ma tridx tarahom mhux bizzejjed sabiex ma jigix ezercitat l-access, gie rilevat li fil-kaz odjern jehtieg illi wiehed ihares lejn ic-cirkostanzi kollha su-esposti, b’dan illi certament illi wiehed ma jistax jinjora t-trawma psikologika li l-access tar-rikorrenti jista’ jkollu fuq l-istess minuri u dan partikolarment meta wiehed jiehu in kunsiderazzjoni n-natura ta’ l-allegazzjonijiet maghmuha mill-minuri kif konfermati bl-ezamijiet medici relattivi, kft ukoll ir-rifjut kategoriku tal-minuri li tara lill-familjari taghha.

30. Illi dan il-fatt kien gie stabbilit mhux minn professjonist wiehed imma mill-professjonisti kollha flimkien ma’ kull min ghandu u/jew kellu kuntatt mal-minuri, inkluz is-soru li kienet tiehu hsieb id-dar residenzjali kif ukoli is-*social contact* ta’ l-istess minuri.

31. Illi inoltre kien gie rilevat illi ghalkemm ir-rikorrenti, fl-ghaxar (10) paragrafu, kienu sostnew li l-minuri kienet qed tintbaghat ma’ familji li kienu finanzjarjament tajjeb u anke jehduha fl-ahjar lukandi tiekol, kien gie rilevat li, kif fuq spjegat, il-minuri Debbie Zamrnit kellha biss *social contact* approvat mill-Agenzija intimata u mhux *foster carer,* b’dan illi l-minuri tohrog ma’ l-istess *social contact* darba fil-gimgha biss, senjatament nhar ta’ Hadd, u dan sabiex il-minuri bhat-tfal kollha l-ohra ta’ l-eta` taghha jkollha wkoll l-opportunita` li hija keinet tohrog ftit mid-dar residenzjali u dan certament kien fl-interess suprem ta’ l-istess minuri.

32. Illi ghal dak li kien jirrigwarda l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fis-sens li l-Agenzija intimata flimkien mal-professjonisti relattivi kienu qed jippruvaw jaqtghu lill-minuri minn mal-familja taghha, dina ghal darba ohra

kienet biss allegazzjoni fiergha intiza biss sabiex tisvija lill-Qorti u effettivament kienet inveritjiera u ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.

33. Illi effettivament ir-rikorrenti konvenjentement u ghal darb'ohra kienu naqsu li jaghtu lill-Qorti stampa cara tal-fatti, b'dan illi filparagrafu 14 huma kienu naqsu li jaghmlu referenza ghall-fatt illi meta l-minuri kienet rathom quddiem l-iskola hija tant bdiet tibki illi kien impossibbli ghas-soru li tiehu r-rigali dak il-hin. Effettivament l-istess rigali sussegwentement kienu ntbaghtu fl-istess residenza u bhal kull rigal iehor kienu nghataw lill-minuri Debbie.

34. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghal dak kolhu premess, gie rileval li effettivament wara li l-Qorti, dak iz-zmien Sekond'Awla tal-Qorti Civili, kienet akkordat access ghar-rikorrenti Sonia Zammit, permezz ta' digriet datat 5 ta' Settembru 2003, l-istess rikorrenti kienet naqset li tezercita l-istess access b'mod regolari, b'dan illi sussegwentement l-istess access kellu jigi sospiz, u f'dan ir-rigward kienet giet ipprezentata Nota quddiem il-Qorti.

35. Illi f'dan ir-rigward kien gie rilevat illi sabiex gie ezercitat l-istess access, kellhom isiru diversi tentattivi mill-professjonisti relattivi sabiex il-minuri taccetta li tara lir-rikorrenti ommha, b'dan illi cio` nonostante l-istess access xorta wahda kellu jitwaqqaf minhabba l-atteggjament ta' l-istess rikorrenti Sonia Zammit.

36. Illi sussegwentement, senjatament fit-23 ta' Gunju 2004, fuq rikors iehor tar-rikorrenti Sofia Zammjt, kienet inzammet seduta quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), b'dan illi fl-istess seduta, filwaqt illi kien gie konfermat illi r-rikorrenti Sonia Zammit kienet taht kura medika, kien gie stabbilit illi l-access tar-rikorrenti kellu jigi ezercitat biss jekk ma jkunx ta' hsara ghall-minuri Debbie Zammit.

37. Illi effettivament wara l-imsemmija seduta kienet giet ipprezentata nota quddiem l-istess Qorti li permezz taghha kien gie spjegat illi l-minuri assolutament bl-ebda mod ma kienet riedet tara lil ommha u li kienet ferm

imbezza’ minnha b’dan illi ghalhekk tali access kien ser jirrizulta fi hsara ghall-istess minuri.

38. Illi permezz ta’ l-ahhar digriet datat 31 ta’ Jannar 2005, l-istess Qorti kienet cahdet it-talba tar-rikorrenti ghall-access u dan in vista tac-cirkostanzi kollha su-esposti.

39. Illi ai termini ta’ l-imsemmi digriet il-professjonisti relattivi ghadhom sa llum qed jahdmu mal-minuri bl-ghan illi jitkomplew it-tentattivi sabiex jippreparaw illi l-istess minuri ghall-access futur mar-rikorrenti.

40. Illi f’dan ir-rigward l-Agenzija intimata rrilevat li effettiivament il-professjonisti relattivi dejjem kienu ppruvaw jahdmu mhux biss mal-minuri bl-ghan illi jigi ezercitat l-access, izda wkoll mar-rikorrenti nnifisha, senjatament omm il-minuri Sonia Zammit, b’dan illi cio` nonostante kien hemm diversi okkazjonijiet fejn l-istess rikorrenti kienet naqset illi tattendi ghall-appuntamenti relattivi, u dan nonostante l-fatt illi dejjem kienet tkun taf bihom.

41. Illi fil-fatt kien gie rilevat ulterjorment illi kuntrarjament ghal dak li kienu qed isostnu r-rikorrenti, il-professjonisti fi hdan l-Agenzija inhtimata ghamlu wkoll *home visits* gewwa d-dar tar-rikorrenti u ulterjorment kellhom ukoll kuntatt dirett mal-haddiema socjali gewwa Mount Carmel u dan sabiex jigi diskuss l-istat mentali tar-rikorrenti Sonia Zammit.

42. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess gie rilevat illi r-rikorrenti Carmela Coleiro kienet tinsab *bedridden,* u ghaldaqstant sabiex hija tezercita l-access taghha jkun jehtieg illi l-minuri tittiehed ghandha, b’dan illi ghaldaqstant tenut kont tac-cirkostanzi kollha fuq imsemmija mhux fl-interess tal-minuri li hija tittiehed ghal tali access stante illi kif kien gie spjegat hija imwerwra mill-familjari taghha u sa llum, ghar-ragunijiet imsemmija, ghadha tirrifjuta bl-aktar mod kategoriku li jkollha kwalunke kuntatt maghhom.

43. Illi ulterjorment u minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess, kien gie rilevat li kwalunkwe decizjoni rigwardanti l-minuri Debbie dejjem ittiehdet bl-awtorizzazzjoni tal-Bord Konsultattiv dwar it-Tfal u z-Zghazagh wara l-approvazzjoni mehtiega mill-Onorevoli Ministru ghall-Familja u Soildarjeta` Socjali, li prezentement kellha l-kura u kustodja ta' l-istess minuri, liema decizjonijiet dejjem ittiehdu fl-interessi tal-minuri Debbie Zammit.

44. Illi ghal dak li jirrigwarda l-Artikoli citati mir-rikorrenti, l-Agenzija intimata kienet ghamlet referenza primarjament ghall-Artikolu 8 talKapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

45. Illi f'dan ir-rigward kien gie rilevat illi l-istess artikolu jipprotegi d-dritt ta' kull individwu ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, b'dan illi cio` nonostante f'kazijiet illi jikkoncernaw minuri, bhal fil-kaz in dizamina, kienet il-prassi tal-Qrati li l-ewwel u qabel **kollox** jiehdu in kunsiderazzjoni l-ahjar interess tal-minuri koncernati, b'dan li f'dan il-kuntest kien gie ribadit illi *"consideration of what lies in the best interest of the child is of crucial importance in every case of this kind".*

46. Illi effettivament kull min hadem ma' l-istess minuri dejjem ha in kunsiderazzjoni l-ewwel u qabel kollox l-interessi supremi ta' l-istess minuri, b'dan illi l-Ordni ghall-Harsien relattiv mahrug fil-konfront talminuri Debbie kif ukoll id-digrieti kollha tal-Qorti li cahdu t-talbiet tar-rikorrenti ghall-access kienu lkoll intizi sabiex l-interessi ta' l-istess minuri jigu salvagwardjati u protetti bl-ahjar mod possibbli filwaqt illi l-istess minuri tigi protetta minn kwalunkwe perikolu u/jew hsara psikologika ulterjuri.

47. Illi ghaldaqstant l-atti li ghalihom kienu ghamlu referenza r-rikorrenti, effettivament kienu jirriflettu l-prassi addottatta mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sens illi f'kazijiet fejn ikun hemm *"a serious conflict between the interests of the child and those of one of the parents which could only be resolved to the disadvantage*

*of one of them, the interests of the child <u>must</u> prevail under Article 8 of the Convention".*

48. Illi specifikament ghal dak li kien jirrigwarda l-kwistjoni ta' access kien gie stabbilit espressament is-segwenti: -

i. *"The family Courts can determine the scope of the right of access and prescribe more specific rules for its exercise … … The family courts can, however, **<u>restrict</u>** or **<u>suspend</u>** that right if such a measure is necessary for the child's welfare."*

49. Illi in oltre l-istess Artikolu 8 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jistabbilixxi fit-tieni paragrafu li jista' jkun hemm indhil minn awtorita` pubblika dwar l-ezercizzju tad-dritt ta' individwu ghall-hajja privata u ghall-familja tieghu jekk tali indhil ikun skond il-ligi u jkun mehtieg f'socjeta` demokratika.

50. Illi fil-kaz fl-ismijiet "K & T v. Finland", il-Qorti Ewropea tadDrittijiet tal-Bniedem kienet irribadiet illi ghalkemm il-projbizzjoni ta' access ta' genitur tammonta ghal indhil ghad-dritt ta' rispett tal-hajja tal-familja, kien gie stabbilit ukoll illi tali indhil kien jikkostitwixxi vjolazzjoni biss jekk ma jkunx skond il-Ligi jew necessarju f'socjeta` demokratika, b'dan illi effettivament f'dak il-kaz l-imsemmija Qorti kienet waslet ghall-konkluzjoni li, tenut kont tac-cirkostanzi, ma kienx hemm vjolazzjoni ta' l-Artikoiu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghal dak illi jirrigwarda r-restrizzjonijiet fl-ezercizzju tad-dritt ta' access.

51. Illi ghaldaqstant anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument u ghall-grazzja ta' l-argument biss, kellu jinghad illi gie lez id-dritt tar-rikkorenti kif salvagwardjat fl-Artikolu 8 ta' l-imsemmija konvenzjoni, dan kien sar skond il-ligi u ghaliex effettivament kien mehtieg f'socjeta` demokratika bl-ghan illi jigu protetti l-ahjar interessi tal-minuri Debbie Zammit.

52. Illi effettivament f'dan il-kuntest kien gie ribadit illi *"the parent cannot be entitled under Article 8 of the*

*Convention to have such measures taken as would harm the child’s health and development”.*

53. Illi ulterjorment u minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess, l-Artikolu 6 ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jistabbilixxi d-dritt ta’ kull persuna ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragjonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi.

54. Illi kif kien gie spjegat, ir-rikorrenti kienet inghatat l-opportunita` li tattendi ghal-laqgha li permezz taghha kellu jigi deciz jekk kellux jigi konfermat l-Ordni ghall-Harsien, u ulterjorment hija kienet inghatat ukoll id-dritt illi toggezzjona ghall-Ordni ghall-Harsien, b’dan illi cio` nonsotante hija la attendiet ghal-laqgha u lanqas oggezzjonat ghall-istess Ordni ghall-Harsien.

55. Illi in oltre r-rikorrenti kienu nghataw l-opportunita` li jgibu a formali konjizzjoni tal-Qorti, u cioe` kemm is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili kif ukoll il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), it-talbiet taghhom u l-fatti relattivi in sostenn ta’ l-istess talbiet, u dan permezz ta’ diversi rikorsi li huma kienu gew awtorizzati jipprezentaw dejjem in konnessjoni ma’ l-access ghall-minuri Debbie.

56. Illi in oltre, kif fuq spjegat, kienet sahansitra nzammet seduta fejn ir-rikorrenti Sonia Zammit, kienet inghatat l-opportunita` li tispjega u tesprimi x-xewqat taghha direttament lill-Onorevoli Imhallef Raymond C. Pace, b’dan li ghaldaqstant certament illi fic-cirkostanzi ma kienx jista’ jinghad illi kien gie lez id-dritt ghal smigh xieraq kif protett fl-artikolu 6 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.

57. Illi f’dan il-kuntest fil-kawza fuq citata, fl-ismijiet **“Hoppe v. Germany”**, l-imsemmija Qorti Ewropea waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx hemm ksur ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea stante li, fost ragunijiet ohra, *“the applicant was legally represented throughout the proceedings and had ample opportunity to submit arguments as he saw fit”,* kif effettivament kien sar fil-kaz odjern.

58. Illi minn dan kien isegwi wkoll li l-allegazzjoni tar-rikorrenti fis-sens illi kien gie lez id-dritt taghhom kif protett fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta kienet ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi fl-ebda hin ma kien gie allegat illi r-rikorrenti b'xi mod kienu gew assoggettati ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degadanti u ghaldaqstant kull kumment iehor f'dan ir-rigward kien superfluwu.

59. Illi bl-istess mod kien inghad ukoll illi fl-ebda hin ma kien gie allegat li rrikorrenti kienu gew imcahhda mid-dritt taghhom sabiex ma jkunx hemm diskriminazzjoni kif protett fl-artikolu 14 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijet ta' Malta, b'dan illi anke f'dan ir-rigward it-talba tar-rikorrenti kienet ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.

60. Ghaldaqstant, l-Agenzija Appogg talbet illi l-Qorti joghgobha tidhad it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier taghhom, u dan fl-interess suprem tal-minuri Debbie Zammit, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-Fondazzjoni ghall-Servizzi ta' Harsien Socjali li biha eccepiet:

1. Illi permezz ta' rikors ipprezentat quddiem din il-Qorti fit-28 ta' Frar 2005, ir-rikorrenti kienu talbu li l-Qorti joghgobha tiddikjara li l-Ordni ghall-Harsien mahrug favur il-minuri Debbie Zammit u datat 10 ta' Jannar 2003, flimkien mad-diversi digrieti moghtija mill-Qrati kompetenti in konnessjoni ma' l-access tar-rikorrenti ghall-istess minuri, kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' l-Artikoli 6, 8, 36 u 39 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex ghaldaqstant l-istess Qorti tiddikjara li l-imsemmi Ordni ghall-Harsien kien null u bla effett u ghaldaqstant tordna li l-istess rikorrenti jkollhom access immedjat ghall-minuri Debbie Zammit.

2. Illi prelimiinarjament kien gie rilevat li l-Qorti ma kellhiex kompetenza sabiex tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel (1) u t-tieni (2) talba tar-rikorrenti stante li ai termini tal-paragrafu 2 ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ir-rikorrenti kellhom mezzi xierqa ohra ta' rimedju ghall-

ksur allegat, b'dan illi anke jekk ghall-grazzja ta' 1-argument u ghall-grazzja ta' l-argument biss kellu jinghad illi l-Ordni ghall-Harsien mahrug fil-konfront tal-minuri Debbie Zarnmit kellu jigi revokat, tali allegazzjoni tar-rikorrenti kienet taghti lok *semmai* ghal stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, ai termini ta' l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-Fondazzjoni intimata irrilevat li hija mhijiex il-leggitimu kontradittur fil-proceduri odjerni stante li l-Fondazzjoni intimata qatt ma cahhdet lir-rikorrenti milli jaccedu ghall-minuri Debbie Zammit, b'dan illi effettivament l-istess Fondazzjoni intimata qatt ma kienet involuta fil-kaz odjern u kwalunkwe decizjoni rigwardanti d-dritt ta' access *o meno* tar-rikorrenti ghall-minuri Debbie Zammit dejjem kienet ittiehdet mill-Bord Konsultattiv dwar it-Tfal u z-Zghazagh, bl-approvazzjoni ta' l-Onorevoli Ministru ghall-Politika u Solidarjeta` Socjali u bl-ghajnuna u l-assistenza tal-professjonisti relattivi fi u/jew mill-Qorti kompetenti.

4. Illi ghaldaqstant il-Fondazzjoni intimata ma kenitx edotta bil-fatti tal-kawza odjerna.

Tant il-Fondazzjoni intimata kellha l-unur tissottometti ghas-savju u superjuri gudizzju tal-Qorti.

Rat ir-risposta tal-Ministru tal-Potitika Socjali u tal-Avukat Generali li biha eccepew:

1. Preliminarjament in kwantu t-talbiet fir-rikors promutur kienu biex tkun dikjarata nulla l-Ordni tal-Harsien u biex jinghata access ghall-minuri, i**r-rikors promutur kien null** stante li dawn ma kienux talbiet ta' indoli kostituzzjonali izda ta' indoli purament civili.

2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nullita` **tar-rikors promutur** stante li din il-Qorti ma kenitx tista' tintalab taghti kumpens ghall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem minghajr ma' l-ewwel tintalab tiddikjara li kien hemm l-istess ksur. Fil-fatt l-ewwel zewg

talbiet kienu ghal kollox estranji ghal dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

3. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-**nullita` tal-ewwel talba** tar-rikorrenti stante li dan ma kienx il-forum fejn tintalab dikjarazzjoni li Ordni tal-Harsien, li hija ordni mahruga mill-intimat Ministru, kienet nulla.

4. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-**nullita` tat-tieni talba** stante ti dan mhux il-forum tajjeb biex persuna titlob li tinghata access ghal minuri.

5. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fid-dawl talewwel zewg talbiet tar-rikorrenti, din hija procedura specjali u ghalhekk din il-procedura ma setghetx tintuza bhala **appell** minn hrug t'Ordni tal-Harsien mahrug mill-Ministru u minn digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) jew tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li cahad l-accessi lir-rikorrenti ghall-minuri Debbie Zammit.

6. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu din il-procedura kienet qed tintuza bhala appell kif kien inghad fil-hames punt, din il-proedura hija **abuziva u frivola u vessatorja** u l-Qorti kellha tichad l-ilment ghax kien wiehed frivolu u vessatorju.

7. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Avukat Generali **mhux legittimu kuntradittur** f dawn il-proceduri ai termini tal-artikolu 181 B(2) tal-Kap 12, peress li kien hemm awtoritajiet kompetenti ohra li kienu jistghu iwiegbu ghal-lanjanzi tar-rikorrenti u wkoll peress l-initimat Avukat Generali la qatt kien akkorda u wisq inqas kien cahhad l-access tar-rikorrenti ghall-minuri Debbie Zammit.

8. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Qorti kellha tiddeklina milli tisma' dan ir-rikors ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni stante li r-rikorrenti kellhom iktar minn **rimedju ordinarju** wiehed ghad-dispozizzjoni taghhom u ma kienux uzawhomx, izda

ghaddew mill-ewwel biex jipprocedu f'sede kostituzzjonali. Dan kien jidher ex admissis in parti fil-punt 2 tar-rikors promutur.

9. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu din il-proóedura kostituzzjonali nbdiet qabel kienu utiiizzati r-rimedji
ordinarji kollha ghad-dispozizzjoni tar-rikorrenti, din i1-proêedura hija **intempestiva.**

10. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in**nomenklatura** korretta tal-intimat Ministru kellha tkun il-Ministru ghall-Familja u s-Solidarjeta` Socjali.

11. Fil-mertu, in kwantu kien qed ikun allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem permezz tal-ksur tal-artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 3, 6, 8 u 14 tal-Konvenzjoni, ir-rikorrenti kellhom **jiddikjaraw bic-car** liema partijiet minn dawn l-artikoli kienu qed jallegaw ksur taghhom u jabbinaw il-fatt li dwaru qed isir l-ilment ma' kull allegat ksur biex l-intimati jkunu jistghu jwiegbu ahjar ghall-allegazzjonijiet tarrikorrenti.

12. Illi in kwantu r-rikorrenti kienu qed jaghtu stampa parzjali tal-fatti kif inhuma, kif ukoll kultant, fatti skorretti, ir-rikorrenti kienu qed jippruvaw **jizvijaw lill-Qorti** u s-smigh ta' din il-kawza.

13. Illi l-fatti xejn sbieh ta' dan il-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:

a. Illi mat-twelid taghha f'Ottubru 1997, it-tarbija Debbie Zammit kienet tqieghdet volontarjament mill-omm taht il-kura tas-sorijiet. F'dan ilperjodu l-famiija biologika taghha kellhom access liberu ghaliha. F'dan iz-zmien it-tifla kellha wkoll *social contacts* biex hekk taghmel ukoll kuntatt mal-hajja u mad-dinja ta' barra l-istitut fejn kienet.
b. Fis- 17 ta' Dicembru 2002 it-tifla zvelat li kienet sofriet minn abbuz sesswali. It-tifla zvelat din l-informazzjoni, kemm verbalment kif ukoll mill-imgieba taghha, l-ewwel fl-iskola, imbaghad mas-soru li kienet tiehu hsiebha, u mbaghad *mas-social contact* li kellha. Immedjatament

hija kienet tpoggiet taht *interim care order* fit-23 ta' Dicembru 2002 biex seta' jsirilha ezami mediku. Ir-rapport mediku kien car u kien sab li t-tifla kienet abbuzata sesswalment. Barra minn hekk, fl-4 ta' Frar 2003, kien stabbilit li t-tifla kienet qed issofri minn *sexually transmitted disease.* Imbaghad inharget Ordni ta' Harsien fuq din it-tifla.
c. It-tifla kienet kostantement segwita kemm minn psikologa, minn tabiba kif ukoll minn *counsellor* u r-rapporti ta' dawn l-esperti dejjem urew it-trawma li kienet ghaddiet u kienet ghadha ghaddejja minnha din it-tifla, kif ukoll il-biza kbir li kellha minn nannitha.
d. Kull darba li t-tifla zvelat dak li gralha, hija kienet dejjem konsistenti u tat dejjem l-istess dettalji lid-diversi persuni ma' min tkellmet. Iddettalji li kienet tat it-tifla stess kienu jinkludu li dan l-abbuz sehh meta ghal sitt darbiet hija ttiehdet minn ommha u nannitha f'dar partikolari u hemm kienet abbuzata minn ragel, waqt li kienu ttiehdulha r-ritratti wkoll.
e. Hu fatt ukoll li t-tifla kienet imwerwra minn nannitha, u kienet ghadha sal-lum, tliet snin wara dawn il-grajjiet, imwerwra u ma tridx tiltaqa' ma' nannitha. F'dawk ic-cirkustanzi fejn in-nanna sfurzat ruhha fuq it-tifla u marret taraha l-iskola, u hekk it-tifla kellha tiltaqa' maghha bilfors, it-tifla ghaddiet minn trawma. It-tifla ma kenitx tkunx trid tmur f'dawk il-postijiet li hi tassocjahom man-nanna jew fejn tahseb li tista' tiltaqa' maghha. F'dawk id-drabi fejn il-Qorti kienet awtorizzat l-access lill-omm, it-tifla kienet tkun imbezza' hafna min-nanna li hi kienet taf li kienet tkun tistenna lill-omm wara l-bieb tal-Agenzija Appogg. Fil-fatt l-iktar rapport ricenti tal-*counsellor* mahrug fil-21 ta' Frar 2005 kien juri car li tifla kienet imwerwra li tiltaqa' ma' kull membru tal-famiija biologika taghha u hi kienet turi dan kemm verbalment kif ukoll permezz ta' *non-verbals.*

Meta wiehed iqis dawn il-fatti koroh, wiehed mill-ewwel kien jifhem ir-raguni ghaliex inharget l-Ordni tal-Harsien u ghaliex il-famiija biologika ma kenitx inghatat access ghat-tifla.

14. Illi rigward l-inezattezzi li huma mnizzla fir-rikors promutur, l-intimati qalu s-segwenti:

a. Rigward il-punt 4, jinghad li l-access taht supervizjoni kien ordnat fil-5 ta'Settembru 2003 izda kien sospiz fit-23 ta' Fran 2004, peress li lomm kienet naqset li tattendi ghal dawn iz-zjarat ghal tiiet darbiet wara xulxin. Kien inghad ukoll li f'dawn iz-zjarat it-tifla kienet tkun imwerwra, minhabba li kienet taf li n-nanna kienet wara l-bieb tistenna. Barra minn hekk, fid-drabi fejn l-omm marret ghal dawn iz-zjarat, kienet toqghod hemm ghal ftit tal-hin biss u kienet titlaq.

b. Fil-punt 6 u l-punt 15 tar-rikors promutur inghad li l-allegazzjonijiet dwar in-nanna qatt ma kienu nvestigati. L-intimati sostnew li dan mhux minnu ghaliex il-kaz kien investigat mill-Puiizija. Il-fatt li ma nbdewx proceduri ma jfissirx li ma saritx investigazzjoni. Pero` hadd ma seta' jinnega li din it-tifla kienet abbuzata sesswalment u li kienet spiccat *b'sexually transmitted disease* li ma gietx ghandha mit-twelid, u dan kif kien konfermat minn rapporti medici u psikologici. L-istorja li t-tifla rrakkuntat, fl-eta` tenera ta' hames snin, kienet konsistenti, u kien accertat li t-tifla mhix tivvinta l-istorja. L-istess storja kienet korroborata mir-rapporti tal-esperti. L-Ordni tal-Harsien kien jinhareg meta l-minuri jkollha bzonn il-kura u l-protezzjoni.

c. Fil-punt 8 ssemmew *il-foster parents.* Il-minuri Debbie Zammit qatt ma kienet *fostered.* Barra minn hekk, it-tifla kienet ghexet il-Belt u tasSliema ghand is-sorijiet Ursolini sa minn twelidha, u dan fejn kienet poggietha ommha.

d. Fil-punt 9 ssemma tifel iehor. Rigward dan it-tifel, qatt ma kien hemm rapporti negattivi jew inkwetanti dwaru. Kieku kien hemm dawn ir-rapporti, kienet tittiehed azzjoni kif ittiehdet fir-rigward tal-minuni Debbie. Fil-fatt is-serjeta` kienet titlob li ssir indagni biss f'dawk il-kazi fejn kien hemm rapport u mhux f'kull kaz ta' kull tifel u tifla li jghixu f'Malta.

e. Rigward il-punt 10, kien inghad li r-raguni ghaliex it-tifla ghadha taht *care order* kienu huma dawk il-fatti kif spjegati iktar 'il fuq, u ma kellu x'jaqsam xejn il-gid jew il-faqar li ghandha l-familja biologika tal-minuri.

f. Rigward il-punt 12 kien inghad li r-rikorrenti kellhom iserrhu rashom li r-rapporti, li fuqhom kienu ttiehdu d-decizjonijiet mill-Agenzija Appogg u mill-intimat Ministru, saru minn professjonisti esperti fl-oqsma taghhom u cioe`

minn psikologa, *counsellor* u tabiba tat-tfal, u ghax dawn huma persuni li jafu xogholhom u huma nies responsabbli, allura rrakkomandaw li l-familja biologika ma jkollhiex access ghat-tifla biex hekk it-tifla tithares minn iktar trawmi, abbuzi u minn biza’ u twerwir.
g. Rigward il-pretensjoni tar-rikorrenti nanna u buznanna li donnhom jippretendu xi dritt t’access, jinghad li fejn hemm il-genituni hajjin, l-access huwa rezervat ghall-genituri u mhux ghall-familjari l-ohra talminuri.

15. Dak li kien se inghad fil-paragrafi 15 sa 19 kienu minghajr pregudizzju ghall-paragrafu 11. Illi in kwantu kien qed ikun allegat ksur tad-dritt ghal smigh xieraq (artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 Konvenzjoni) fil-hrug tal-Ordni tal-Harsien mill-Ministru, inghad li dawn iz-zewg artikoli m’humiex applikabbli ghall-kaz, stante li l-Ministru ma jikkostitwixxix ‘tribunal jew qorti’ ghall-fini ta’ dan l-artikolu. Lanqas ma kienet qed ‘tiddetermina’ xi dritt u wisq inqas m’hemm l-ebda ‘dritt Civili’ li kien qed ikun determinat. Ghalhekk dawn iz-zewg artikoli m’humiex applikabbli ghall-kaz. Jinghad ukoll fi kwalunkwe kaz, li r-rikorrenti Sonia Zammit kienet mistiedna ghall-*case conference* qabel inharget l-Ordni tal-Harsien izda hija kienet naqset li tattendi. Il-*case conference* hija laqgha li hija l-prattika li ssir u hi uzata biex ikunu spjegati r-ragunijiet u c-cirkustanzi lill-genituri. F’din il-laqgha l-genituri kien ikollhom il-hin kollu biex jesprimu ruhhom u jghidu dak li jidhrilhom fuq il-kaz.

16. Illi in kwantu kien qed ikun allegat ksur tad-dritt ghal smigh xieraq (artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 Konvenzjoni) fil-proceduri quddiem dik li kienet is-Sekond’ Awla, inghad li r-rikorrenti Sonia Zammit kienet inghatat smiegh u smiegh xieraq. Hi kellha kull opportunita` tressaq l-ilmenti taghha kif fil-fatt ghamlet, skond il-procedura. Il-fatt li d-decizjoni tal-Qorti kienet kuntrarja ghal dak li talbet ir-rikorrent, ma kienx iwassalx b’daqshekk ghal nuqqas ta’ smiegh xieraq.

17. Illi in kwantu kien qed ikun allegat ksur tad-dritt ghall-harsien minn diskriminazzjoni a bazi tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, ma tissussisti l-ebda cirkustanza f’dan il-kaz

fejn remotement jinkwadra dan id-dritt u di piu` l-artikolu 14 hu inapplikabbli ghall-kaz, stante li dan id-dritt kien jezisti fit-tgawdija ta' drittijiet ohra u din ir-rabta bejn l-artikolu 14 u dritt iehor ma kenitx saret fir-rikors promutur.

18. Illi in kwantu kien qed ikun allegat ksur tad-dritt ghall-protezzjoni minn trattament inuman u degredanti, l-intimati ssottomettew li rrikorrenti kienu qed iwaqqghu dan id-dritt ghac-cajt, peress li biex ikun hemm ksur ta' dan id-dritt iridu jissussistu cirkustanzi gravi u fir-rikors promutur anqas hjiel ta' dawn ic-cirkustanzi ma kien ikun hemm.

19. Illi in kwantu qed ikun allegat ksur tad-dritt ghall-familja taht l-artiklu 8 tal-Konvenzjoni, l-intimati kienu ssottomettew li bil-kuntatt li l-minuri kellha mal-familja biologika taghha kien qed jinkiser id-dritt talminuri stess ghall-hajja familjari. It-tifla kellha dritt ta' hajja familjari fejn hi thossha bla periklu u fejn hi tista' tikber u tizviluppa sew. Sfortunatament fid-dawl tal-fatti li nghadu iktar 'il fuq, ir-relazzjonijiet li t-tifla kellha mal-familja biologika taghha ma tantx kienu jwasslu ghal dan, u ghalhekk, u biex kienu jkunu mharsa s-sahha u l-morali tat-tifla stess, l-istat kien intervjena biex din it-tifla jkollha ambjent fejn kemm jista' jkun tkun protetta u tikber u tizviluppa sew. Dan l-intervent min-naha tal-istat kien eccezzjoni fl-artiklu 8 u permezz tieghu kienu setghu jitharsu wkoll id-drittijiet tat-tifla minuri stess.

20. Illi fi kwalunkwe kaz ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet talbniedem mill-intimati fir-rigward tar-rikorrenti, u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti kellhom ikunu michuda bl-ispejjez kontrihom.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat illi fit-2 ta' Mejju, 2005 ir-rikorrenti cedew l-atti fil-konfront tad-Direttur Generali u Registratur tal-Qorti biss.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET U KONKLUZJONIJIET:

Din id-decizjoni hi fuq l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali.

L-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali hi:
"Preliminarjament in kwantu t-talbiet fir-rikors promutur kienu biex tkun dikjarata nulla l-Ordni tal-Harsien u biex jinghata access ghall-minuri, i**r-rikors promutur kien null** stante li dawn ma kienux talbiet ta' indoli kostituzzjonali izda ta' indoli purament civili."

L-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:
"… kull persuna li tallega li xi wahda mid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha, jew kull persuna ohra li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'Malta tista' tahtar a distanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla hsara ta' kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju."

Ghalhekk il-Prim'Awla tal-Qorti Civili hi vestita f'sede Kostituzzjonali biex tisma' u tiddeciedi ilmenti dwar ksur ta' drittijiet tal-bniedem li jissemmew fl-imsemmija Kostituzzjoni u fil-Kap 319. Mhux kull talba ghal xi allegat ksur ta' drittijiet twassal necessarjament ghal dritt ta' azzjoni quddiem il-Prim'Awla f'sede kostituzzjonali. Infatti kif jissemma fl-artikolu 46 din hi gurisdizzjoni partikolari moghtija lill-Prim' Awla u hi distinta u totalment separata mid-drittijiet u poteri l-ohra li ghandha l-Prim' Awla. Anke l-procedura uzata ghal din it-tip ta' azzjoni hi differenti u fid-data meta giet istitwita l-kawza kienet issir b'rikors u mhux citazzjoni ghalkemm il-procedura normali kienet ic-citazzjoni. L-artikolu 46 huwa specifiku dwar x'tip ta' talbiet ghandhom ikunu u hu essenzjali li l-azzjoni maghmula trid tikkombacja mal-poter vestit fil-Prim' Awla. Dan iwassal necessarjament ghall-fatt li mhux kull persuna li thoss li sar xi ksur ta' drittijiet taghha ghandha d-dritt li tagixxi quddiem il-Prim' Awla fil-vesti taghha f'sede Kostituzzjonali izda jridu biss isiru talbiet intizi biex jitharsu d-drittijiet tal-bniedem u ukoll fejn ma jezistux

diga` mezzi xierqa ta’ rimedju ghall ksur allegat jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra. Dan iwassal li talbiet ta’ natura civili huma eskluzi u bl-istess mod huma eskluzi meta jezistu mezzi xierqa ohra ta’ rimedju jew kienu disponibbli precedentement ghal dik il-persuna. Il-fatt li r-rikorrenti fil-kaz odjern sostniet l-oppost u kkwotat gurisprudenza dwar kazijiet fejn ***prima facie*** jkun hemm kaz serju li jimplika ksur ta’ drittijiet fundamentali tal-bniedem ma jwassalx ghal konkluzjoni opposta ghal dik li qed tigi msemmija. Infatti anke jekk it-talbiet maghmula mir-rikorrenti jkunu ta’ indoli kostituzzjonali izda li fuqhom kien hemm jew kienu disponibbli rimedji ohra l-Qorti bhala regola ghandha tastjeni milli tisma l-kawza. Issa fil-kaz in kwistjoni r-rikorrenti qedha tattakka ***care order*** li harget fil-konfront tal-minuri Debbie Zammit datata 10 ta’ Jannar 2003, ghal liema talba certament kien hemm disponibbli rimedju iehor. Infatti l-ligi rilevanti tipprovdi fil-Kapitolu 285 artikolu 4 dwar kif ghandha tigi attakkata ***care order*** u kienet dik il-procedutra li kellha tintuza mir-rikorrenti. Dan kien rimedju disponibbli. Tali azzjoni hija wahda ta’ natura civili u mhux kostituzzjonali (ara **Emanuel Ciantar vs Kummissarju tal-Pulizija** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta’ Novembru 2001 dwar id-distinzjoni bejn il-procedura civili u l-procedura kostituzzjonali). Access ghall-minuri kif rikjest fir-rikors kien jinkwadra certament f’dak li ghadu kif intqal izda huwa ta’ natura purament civili u l-Qorti ghazlet li tindika liema hu r-rimedju halli ma jibqax aktar kwistjonijiet jekk kienx hemm rimedju disponibbli jew le. Ghandu ragun l-Avukat Generali meta fin-nota tieghu ikkummenta li “altrimenti nistghu nwarrbu l-Qrati kollha u nhallu biss il-Qorti Kostituzzjonali li tisma’ t-talbiet ta’ kull xorta” u kkwota l-kaz ta’ **Victor Micallef vs Avukat Generali** deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta’ Ottubru 2001.

Ghal dawn il-motivi tilqa’ l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali li r-rikors promotur huwa null stante li t-talbiet tar-rikorrenti m’humhiex talbiet ta’ indoli kostituzzjonali izda ta’ indoli purament civili.

Ghalkemm dak li inghad huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn il-Qorti sejra wkoll tapplika l-uzu tal-proviso tas-subartikolu 2 tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni minhabba li kien disponibbli favur ir-rikorrenti rimedju iehor.

Fl-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni nsibu l-proviso li jghid:
“Izda l-Qorti tista’, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra.”

Fis-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fid-29 ta’ Ottubru, 1993 fl-ismijiet **“Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija et”** insibu:
“Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti ser tidhol fil-meritu ta’ l-eccezzjoni, u tibda biex tghid, kif persistentement minnha dikjarat u sostnut, illi, bhala regola, meta si tratta ta’ kawza ta’ din ix-xorta, il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke, per ezempju, meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Meta l-aspetti ta’ l-indagini ikunu ta’ natura prevalentament kostituzzjonali, bir-rimedji propriji pedissekwi, ix-xejra ghandha tmur lejn l-esercizzju tas-setghat li l-Kostituzzjoni ta’ Malta, fl-Artikolu 46 (2), taghti lil Qorti Civili Prim’Awla”

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta’ Marzu, 1994 fil-kawza fl-ismijiet **“Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine”**, wara li ezaminat numru ta’ sentenzi kienet qalet hekk:

“Minn din ir-rassenja tas-sentenzi kemm tal-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta’ din il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji giurisprudenzjali:

(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed

jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta’ natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.
(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta’ illegalita’ jew ta’ gustizzja jew ta’ zball manifest, ma tiddisturbax l-esrcizzju ta’ diskrezzjonalita’ ta’ l-ewwel Qorti konferit mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.
(c) Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.
(d) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m’ghandiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibli rimedju ma kienx pero’ se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent
(e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero’ dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta’ haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.
(f) Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni.”

Fil-kawza fl-ismijiet **“Lawrence Cuschieri vs l-Onor Prim Ministru”** deciza fis-6 ta’ April, 1995, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:
“Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim' Awla ghal rimedju ta' indole kostituzzjonali, imma l-ewwel subinciz ta' dak l-artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinciz tieghu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dak l-artikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat "huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra". Hu veru wkoll illi din il-fakolta' hija diskrezzjonali ghall-Qorti imma hu car li l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni ma jistax ikun wiehed kapriccuz jew legger. Hu ovvju illi ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat

taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezjoni tad-dritt fondamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."

Dawn l-istess principji kienu applikati fis-sentenzi tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fis-27 ta' Lulju, 1995 fl-ismijiet **"Paul Mckay vs Kummissarju tal-Pulizija"** u deciza fil-21 ta' April, 1995 fl-ismijiet **"Anton Scicluna pro et noe vs Prim Ministru**".

Fil-kawza fl-ismijiet **"Maria Magro vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali"** deciza fit-28 ta' Mejju, 1997 il-Qorti Kostituzzjonali hasset li meta tkun qeghda tikkunsidra jekk ghandhiex tkompli tisma' kawza minhabba li hemm rimedji ohra fil-Ligi a tenur ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, il-Qorti Kostituzzjonali trid tkun certa li r-rimedju jkun fih tliet elementi importanti: accessibli, cert u effettiv.

Din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **"Stephen Falzon vs Registratur tal-Qorti et"** fl-14 ta' Frar, 2002 qalet:
"Dan il-proviso ghalhekk mhux xi wiehed li jista' jittiehed b'mod laxk jew kapriccuz. Mhux intiz biex il-Qorti tahrab mir-responsabbilta'; izda minn-naha l-ohra il-Qorti ghandha l-obbligu li f'certu cirkostanzi tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra. Altrimenti tkun qedgha tagixxi ta' Qorti tat-tielet istanza – haga li tmur kontra l-ligi. Jekk kien hemm mezzi xierqa ohra il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke meta l-indagini

gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Ir-rikors ghall-organi gudizzjarji ta’ natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli. Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, il-Qorti m’ghandiex tikkonsidra li tezercita l-gurisdizzjoni sakemm ma jirrizultax li dak il-possibli rimedju ma kienx pero’ se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent. Ghalhekk ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. “Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezzjoni tad-dritt fundamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha.”

Fil-kawza fl-ismijiet **“Adel Mokhtar Al Sakalli vs Onor Prim Ministru et”** deciza fis-7 ta’ April, 2000 mill-Qorti Kostituzzjonali il-Qorti sostniet li meta jezistu rimedji taht il-ligi ordinarja tal-pajjiz wiehed ghandu l-ewwel jezawrixxi dawk ir-rimedji. Huwa f'idejn l-ewwel Qorti li ma tezercitax id-diskrezzjoni taghha.

Fil-31 ta’ Mejju, 2000 il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **“Spiteri Domenico Savio vs Chairman Planning Authority et”** qalet li l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ghandha poteri diskrezzjonali wiesgha biex tiddeciedi li ma tezercitax il-poteri taghha meta r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji possibli taht il-ligi ordinarja.

Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta’ Lulju, 2000 fl-ismijiet **“Glenn Bedingfield vs Kummisarju tal-Pulizija et”** il-Qorti hasset li l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 4 (1) tal-Kapitolu 319 jistabilixxu l-procedura kif kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet protettivi tal-jeddijiet fondamentali kienet qed tigi jew tkun x’aktarx ser tigi miksura dwarha,

tista', bla hsara ghal kull azzjonii ohra  dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghar-rimedju. Din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba ta' din ix-xorta. Mid-decizjoni hemm dejjem appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.  Dak id-dritt hu wiehed assolut u bla limiti u l-ebda ezercizzju ta' interpretazzjoni li jillimita tali dritt, anke jekk maghmul bl-ahjar intenzjonijiet biex suppost jiffacilita l-process gjudizzjarju ma jista' jigi accettat jew tollerat.  L-unika limitazzjoni f'dan ir-rigward hi dik fil-proviso tas-subinciz 2 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-provvediment analogu fil-Kap 319 li fil-verita` mhijiex limitazzjoni ta' access ta' l-individwu lill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali imma poter lill-Qorti li tirrifjuta li tezercita s-setghet taghha fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat kienu jew huma disponibbli favur il-persuna li taghmel ir-rikors skond xi ligi ohra u biss fil-kaz fejn tqis li jkun hekk desiderabbli li taghmel.  Fir-rigward ta' dan id-dritt ta' access, il-Kostituzzjoni u l-Kap 319 lanqas jaghmlu l-ebda accenn lejn il-possibilita` illi r-rikors lil dawk l-organi ikun ukoll sempliciment frivolu u vessatorju kuntrarjament ghal dak li tiddisponi fis-subinciz (3). Iz-zewg proceduri kontemplati fis-subinciz 1 u fis-subinciz 3 tal-artikolu 46 ma kienux limitazzjoni ta' xulxin, izda paralleli ma' xulxin.

Fl-20 ta' Novembru, 2000 il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **"Melchior Spiteri vs Avukat Generali"** hasset li l-Qorti ma ghandiex ma tezercitax id-drittijiet taghha taht l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni jekk tkun qed tigi negata l-liberta' personali.

Wara li ezaminat dan kollu l-Qorti hi tal-fehma li kienu jezistu proceduri ohra adegwati mhux quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u li ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz ghandha tirrifjuta, kif fil-fatt qeghdha taghmel, li tezercita s-setghat taghha skond l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni minhabba li jezistu mezzi xierqa ohra ta' rimedju ghall-ksur allegat  u ghalhekk qedha tapplika dak dispost mill-proviso tas-subartikolu 2 tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha minhabba li kien

hemm disponibbli favur ir-rikorrenti mezzi xierqa ta’ rimedju.

Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------